MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Diċembru, 2008

Citazzjoni Numru. 801/1998/1

**Paul u Lilian konjuġi Diacono**

***Versus***

**Paul Grech**

Din il-kawża hija dwar ħabta bejn karrozza u mutur; l-atturi, li kienu rekbin il-mutur, korrew u qegħdin ifittxu għad-danni.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fil-21 t'Awissu 1996, waqt illi l-attur kien qed isuq il-*motorcycle* Q-6454(M) fi Triq Mile End (*recte*, fi Triq Schembri), il-Ħamrun, u martu l-attriċi kienet riekba miegħu, ittajru b'ħabta mal-karrozza LAB 815 misjuqa mill-konvenut, u minħabba f'hekk ġarrbu ħafna danni, ukoll minħabba diżabilità permanenti.

Billi qegħdin igħidu illi l-ħtija kienet tal-konvenut, iżda għalxejn sejħulu, b'ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Frar 1997 u oħra tat-3 ta' Lulju 1997, biex jagħmel tajjeb għad-danni, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenut waħdu jaħti għall-inċident tal-21 t'Awissu 1996, u għalhekk għandu jwieġeb għad-danni;
2. tillikwida d-danni; u
3. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittri uffiċjali ta' l-4 ta' Frar 1997 u tat-3 ta' Lulju 1997, u oħra ippreżentata flimkien maċ-ċitazzjoni.

Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi l-ħtija kienet ta' l-attur waħdu.

B'sentenza mogħtija fl-10 t'April 2003 il-qorti laqgħet l-ewwel talba ta' l-atturi, qalet illi l-konvenut jaħti għall-inċident u għandu jagħmel tajjeb għad-danni, u ordnat illi l-kawża tkompli tinstema' għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni. Din is-sentenza tallum hija dwar it-tieni u t-tielet talbiet.

Għall-għanijiet ta' likwidazzjoni ta' *lucrum cessans* il-qorti b'dikriet tas-26 ta' Frar 2001[1] ħatret espert mediku sabiex jirrelata dwar jekk l-atturi ġarrbux debilità li ma jfiqux minnha minħabba fl-inċident. L-espert ħalef ir-rapport dwar l-attriċi[2] fit-12 ta' Marzu 2002. B'nota tat-13 ta' Marzu 2002[3] il-konvenut talab il-ħatra ta' esperti addizzjonali, iżda irrinunzja għal din it-talba fil-11 ta' Ġunju 2002[4]. Ir-rapport dwar l-attur[5] inħalef fid-29 t'April 2005 iżda l-konvenut b'nota ta' l-4 ta' Mejju 2005[6] talbu l-ħatra ta' esperti addizzjonali. Wara li l-ewwel perit wieġeb għal mistoqsijiet li sarulu għall-eskussjoni[7], inħatru periti addizzjonali b'dikriet ta' l-14 ta' Marzu 2006[8] u dawn ħalfu r-rapport tagħhom[9] rispettivament fl-24 ta' Novembru 2006, fil-11 ta' Diċembru 2006 u fis-26 ta' Jannar 2007.

Il-qorti rat ukoll is-sottomissjonijiet li għamlu bil-miktub il-partijiet, kemm dwar *lucrum cessans* kif ukoll dwar *damnum emergens* fil-15 ta' Mejju 2003[10], fit-13 ta' Ġunju 2003[11], fit-18 ta' Lulju 2003[12] u fid-9 ta' Settembru 2003[13].

---

1 *Foll*. 117 *et seq*.
2 *Foll*. 128 *et seqq*.
3 *Fol*. 132.
4 *Fol*. 133.
5 *Foll*. 185 *et seqq*.
6 *Fol*. 190.
7 *Foll*. 198 *et seqq*.
8 *Fol*. 203.
9 *Foll*. 221 *et seqq*.
10 *Foll*. 140 *et seqq*.
11 *Foll*. 147 *et seqq*.

Il-qorti sejra issa tgħaddi biex tagħmel dawn il-likwidazzjonijiet:

<u>*Damnum Emergens*</u>

Bħala *damnum emergens* l-atturi qegħdin jitolbu:

- Lm 140.88 (€ 328.16) ħsarat fuq il-mutur
- Lm 524.70 (€1,222.22) spejjeż tal-mediċini sal-2003
- Lm2,720.00 (€6,335.90) spejjeż tal-mediċini mill-2003 'il quddiem

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar l-ispejjeż tal-mutur. Dwar il-mediċini, in-nefqa pretiża mill-konvenuti hija għal *Walfarin Tablets*, meħtieġa minħabba l-kondizzjoni ta' l-attriċi. Ir-rappreżentant tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern, iżda, xehed illi min ibati minn kondizzjoni bħal dik ta' l-attriċi għandu jedd jikseb dawn il-mediċini bla ħlas[14]. Billi l-atturi huma fid-dmir illi, kemm jista' jkun, inaqqsu d-danni, kienu fid-dmir illi dawn il-mediċini jiksbuhom bla ħlas, ladarba kellhom jedd għalihom.

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi ma għandhiex tillikwida danni dwar in-nefqa għall-ispejjeż, u tillikwida d-*damnum emergens* fis-somma ta' tliet mija u tmienja u għoxrin euro u sittax-il ċenteżmu (€328.16).

<u>*Lucrum Cessans* dwar l-attriċi</u>

L-attriċi kienet taħdem *part-time* meta seħħ l-inċident u kellha dħul ta' madwar elf, mija u wieħed u sebgħin lira (Lm1,171) – daqs elfejn, seba' mija u sebgħa u għoxrin euro u sebgħin ċenteżmu (€2,727.70) – fis-sena. Kienet tagħmel ukoll xogħol tad-dar. Illum ma għadhiex taħdem *part-time* u qiegħda taħdem biss ta' mara tad-dar.

Wara li qieset illi x-xogħol ta' mara tad-dar ukoll għandu valur ekonomiku, u wara li qieset ukoll l-osservazzjonijiet magħmula mill-konvenut, il-qorti hija tal-fehma illi d-dħul medju pretiż mill-atturi ta' tlitt elef u disa' mitt lira (Lm3,900) – daqs disat elef u erbgħa u tmenin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€9,084.56), jew disat elef u mitt euro (€9,100) għad-dritt – fis-sena mhux biss huwa ġustifikat iżda x'aktarx konservattiv ukoll, aktar u aktar meta tqis is-snin tal-*multiplier* imsemmija hawn taħt.

---

12 *Foll.* 163 *et seqq.*

13 *Foll.* 172 *et seqq.*

14 Xiehda ta' Tania Formosa fis-seduta tad-29 t'Ottubru 2008.

Għall-għanijiet tal-*multiplier* il-qorti tosserva li l-attriċi kellha disgħa u għoxrin (29) sena meta korriet. Meta tqis il-kwalità aħjar ta' ħajja u ta' kura medika fiż-żminijiet tallum, u tqis ukoll illi x-xogħol ta' mara tad-dar ma huwiex wieħed li tirtira minnu meta tagħlaq sittin sena, il-qorti hija tal-fehma illi *multiplier* xieraq u realistiku ikun dak ta' ħamsa u tletin (35) sena.

Skond l-espert mediku l-attriċi għandha debilità li ma tfieqx minnha ta' ħamsa fil-mija (5%).

Meqjusa dawn il-fatturi kollha, il-*lucrum cessans* ta' l-attriċi jiġi ħmistax-il elf, disa' mija u ħamsa u għoxrin euro:

€9,100 × 35 sena × 5% = €15,925

Trid tqis ukoll illi l-attriċi sejra ddaħħal illum il-qligħ tal-ġejjieni, iżda illi l-inċident ilu li seħħ tnax-il (12) sena. Biex ipatti għal dan għandu jsir tnaqqis ta' ħamsa fil-mija (5%), biex hekk is-somma tinżel għal ħmistax-il elf, mija u tmienja u għoxrin euro u ħamsa u sebgħin euro (€15,128.75) b'dan illi l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu millum.

Il-qorti għalhekk tillikwida l-*lucrum cessans* dwar l-attriċi fis-somma ta' ħmistax-il elf, mija u tmienja u għoxrin euro u ħamsa u sebgħin euro (€15,128.75).

<u>*Lucrum Cessans* dwar l-attur</u>

L-attur, fil-fehma ta' l-ewwel espert mediku maħtur mill-qorti, ġarrab debilità li ma jfieqx minnha ta' tlieta fil-mija (3%). L-esperti addizzjonali, iżda, li reġgħu eżaminaw lill-attur aktar tard, meta l-proċess ta' fejqan kien aktar sħiħ, sabu li kien fieq għal kollox u ma kien fadallu ebda debilià b'konsegwenza ta' l-inċident.

Għalhekk ma hemm ebda *lucrum cessans* x'jiġi likwidat dwar l-attur.

<u>Konklużjoni</u>

Il-qorti għalhekk tillikwida d-danni li ġarrbu l-atturi fis-somma ta' tliet mija u tmienja u għoxrin euro u sittax-il ċenteżmu (€328.16) bħala *damnum emergens* u ħmistax-il elf, mija u tmienja u għoxrin euro u ħamsa u sebgħin euro (€15,128.75) bħala *lucrum cessans*, b'kollox ħmistax-il elf, erba' mija u sitta u ħamsin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€15,456.91). Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħaxijiet fuqhom millum sa meta jsir il-ħlas, u tikkundannaħ iħallas ukoll l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------